32006D0195

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Marzu 2006

fir-rigward ta' l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għas-sena 2006, lil ċerti laboratorji ta' referenza tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika veterinarja tar-residwi

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 604)

(It-testi bil-Ġermaniż, bil-Franċiż u bl-Olandiz biss huma awtentiċi)

(2006/195/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam tal-veterinarja [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 28(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tipprevedi li l-Komunità għandha tikkontribwixxi sabiex tittejjeb l-effiċjenza ta' l-ispezzjonijiet veterinarji billi tagħti għajnuna finanzjarja lil laboratorji ta' referenza. Kwalunkwe laboratorju ta' referenza indikat bħala tali, jista' jirċievi għajnuna tal-Komunità skond il-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Komunità, taħt ċerti kondizzjonijiet.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 156/2004 tad-29 ta' Jannar 2004 dwar l-assistenza finanzjarja tal-Komunità lil laboratorji ta' referenza tal-Komunità skond l-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE [2] jipprevedi li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tingħata jekk il-programmi ta' ħidma approvati jitwettqu b'mod effiċjenti u jekk il-benefiċjarji jfornu l-informazzjoni kollha meħtieġa f'ċerti limiti ta' żmien.

(3) Il-Kummissjoni vvalutat il-programmi ta' ħidma u l-estimi ta' baġit korrispondenti, ippreżentati mil-laboratorji ta' referenza tal-Komunità kkonċernati għas-sena 2006.

(4) Skond dan, l-għajnuna finanzjarja Komunitarja għandha tingħata lil-laboratorji tar-referenza Komunitarji għall-funzjonijiet u dmirijiet previsti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri tagħha dwar il-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi f'annimali u prodotti ta' annimali ħajjin u li tirrevokaw id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE [3].

(5) Flimkien ma' l-għajnuna finanzjarja mill-Komunità, aktar għajnuna għandha tingħata għall-organizzazzjoni ta' workshops f'oqsma li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-laboratorji ta' referenza tal-Komunità.

(6) Skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni [4], il-miżuri tas-saħħa tal-veterinarja u l-pjanti li ttieħdu skond ir-regoli tal-Komunità huma ffinanzjati taħt it-Taqsima tal-Fond Ewropew Agrikolu ta' Gwida u Garanzija. Għal skopijiet ta' kontroll finanzjarju, l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999, japplikaw għal din id-Deċiżjoni.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Ġermanja għall-funzjonijiet u dmirijiet previsti fl-Anness V, Kapitolu 2, għad-Direttiva 96/23/KE li jridu jitwettqu mill-Bundesamt für Verbraucherschutz und Lebensmittelsicherheit (dawk li kien il-Bundesinstitut für gesundheitlichen Verbraucherschutz und Veterinärmedizin (BGVV)), Berlin, il-Ġermanja, għad-detezzjoni tar-residwi ta' ċerti sustanzi.

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva Nru 2006/53/KE (ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37).

[2] ĠU L 27, tat-30.1.2004, p. 5.

[3] ĠU L 125, tat-23.5.1996, p. 10. Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, tat-30.4.2004, p. 1), kif korreġut mil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1).

[4] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 103.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, dik l-għajnuna finanzjarja mhijiex se tiskorri l-425 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Ġermanja għall-organizzazzjoni ta' workshop mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Dik l-għajnuna mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 2

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Franza għall-funzjonijiet u dmirijiet previsti fl-Anness V, Kapitolu 2, għad-Direttiva 96/23/EC li jridu jitwettqu mil-Laboratoire d'études et de recherches sur les médicaments vétérinaires et les désinfectants de L'Agence Française de Sécurité Sanitaire des aliments, (dak li kien il-Laboratoire des médicaments veterinaries (CNEVA-LMV)), Fougères, Franza, għad-detezzjoni tar-residwi ta' ċerti sustanzi.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, dik l-għajnuna finanzjarja mhijiex se tiskorri l-425 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil Franza għall-organizzazzjoni ta' workshop mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Dik l-għajnuna mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 3

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Italja għall-funzjonijiet u dmirijiet previsti fl-Anness V, Kapitolu 2, għad-Direttiva 96/23/KE li jridu jitwettqu mill-Istituto Superiore di Sanità, Ruma, l-Italja, għad-detezzjoni tar-residwi ta' ċerti sustanzi.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, dik l-għajnuna finanzjarja mhijiex se tiskorri l-255 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Italja għall-organizzazzjoni ta' workshop mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Dik l-għajnuna mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 4

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Olanda għall-funzjonijiet u dmirijiet previsti fl-Anness V, Kapitolu 2, għad-Direttiva 96/23/KE li jridu jitwettqu mill-Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieuhygiëne (RIVM), Bilthoven, l-Olanda, għad-detezzjoni tar-residwi ta' ċerti sustanzi.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, dik l-għajnuna finanzjarja mhijiex se tiskorri l-425 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Olanda għall-organizzazzjoni ta' workshop mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Dik l-għajnuna mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana u r-Renju ta' l-Olanda.

Magħmula fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni